

2) *Grupo Bimbo, SAB de CV* hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 351, 6.10.2014.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Ġunju 2015 – Segovia Bonet vs UASI – IES (IES)**

(Kawża T-355/11) (<sup>1</sup>)

(*“Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”*)

(2015/C 270/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrent:** Jorge Segovia Bonet (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment M. López Camba u J. L. Rivas Zurdo, sussegwentement J. L. Rivas Zurdo, E. Seijo Veiguela u I. Munilla Muñoz, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

**Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:** IES Insurance Engineering Services Srl (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: D. Caneva, G. Locurto u M. Lucchini, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta' Marzu 2011 (Każ R 749/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Jorge Segovia Bonet u IES Insurance Engineering Services Srl.

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni.*

2) *Ir-rikorrenti u l-intervenjenti huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll, kull wieħed, nofs l-ispejjeż tal-konvenut.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 269, 10.09.2011.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Ġunju 2015 – Polyelectrolyte Producers Group et SNF vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-573/14) (<sup>1</sup>)

(*“Rikors għal annullament — Ambjent — Kriterji għall-għoti tal-Ekotikketta tal-Unjoni — Prodotti tal-karta ttrasformata — Sustanzi u taħlitiet li huma s-suġġett ta' limitazzjoni jew ta' esklużjoni — Limitu tal-konċentrazzjoni ta' monomeri residwi — Ir-raba' paragrafu tal-Arikolu 263 TFUE — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà”*)

(2015/C 270/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Polyelectrolyte Producers Group (Brussell, il-Belġju); u SNF SAS (Andrézieux-Bouthéon, Franza) (rappreżentanti: R. Cana u A. Patsa, avukati)